# ĠAMMARIJA KASSJA

Min jisma' dil-Ġrajja
Iżommha b'tifkira,
Għax hi l-isbaħ waħda
Li kellna fil-Gżira.

Pjer Kassja, Baruni
Mill-ogħna nies kien,
Sinjur ta' Għeriexem
U Tabja flimkien.

Ma kienx raġel aħrax,
'Ma dħuli kemm trid,
Għall-ġieħ tad-dar tiegħu
Kien jibża' mhux ftit.

Il-mara mititlu,
Ħalliet bosta wlied,
Il-wieħed kien sabi,
l-oħrajn kollha bniet.

Semmieh Ġammarija,
Tah isem nannuh,
Għajnejh kienu dejjem
Fuq dan iż-żagħżugħ.

Kien l-għaxqa ta' qalbu,
Id-dawl ta' għajnejh,
Għax hu l-aħħar nisel
Li trabba f'idejh.

U malli rah tfarfar,
Fih raġel sabiħ,
Ħsieb għamel li jorbtu
Biż-żwieġ minnufih

Isiblu għarusa
Għalhekk kien irid
Li miegħu tkun taqbel
Fin-nisel u l-ġid.

Falzun raġel għani
Imżejjen b'kull ġieħ,
Irid kien 'il bintu
B'għarusa jagħtih.

Il-wieħed u l-ieħor
Iltaqgħu flimkien
U fuq it-tieġ ftiehmu
Li jsir f'qasir żmien.

---

Ix-xemx kienet nieżla,
Kull raġġ ta' dawl miet,
Biċ-ċpar u s-sħab iswed
Inksew is-smewwiet.

Fit-trieq ta' Kcronja
Hemm dar ħada l-wied,
It-tieqa miftuħa
Qalb ħemda u skiet.

Dolores mixrufa,
Għajnejha msammrin
Fuq tarf it-trieq kienu
Fis-siegħa u l-ħin.

Kif semgħet il-ħsejjes
Ta' żiemel fil-bogħ'd
Bil-ferħ f'daqqa waħda
Bdiet qalbha tirtogħ'd.

Ftit wara jfeġġ fieres
Kemm kemm qed isuq
U kif wasal taħtha
Għajnejh rafa' 'l fuq.

'Żda malli għajnejha
Iltaqgħu m'għajnejh,
Iħoss bniedem fuqu
B'sejf jiddi f'idejh.

Fl-art jaqa' bħal mejjet
Bid-daqqa li tah
U l-kiefer f'ħin wieħed
Ħadd aktar ma rah.

X'ħin għajta ta' mara
Tarrxitlu widnejh
Il-fieres jintilef
Biż-żiemel hemm ħdejh.

Jaħasra ! Dolores
Trid taf minnu x'sar,
Ma' Gita, l-qaddejja,
Fis toħroġ mid-dar.

Bħal waħda miġnuna
Ittir f'nofs it-trieq
Fil-ħabla ta' l-ajru
Fis-siegħa tad-dieq.

Kif rat dik is-sura
Ħbiet wiċċha b'idejha
U niżlet ma' ġenbu
Hemm fl-art għarkobbtejha.

Flimkien iż-żewġ nisa
Kif setgħu għinuh
U bl-akbar tbatija
L-imsejken refgħuh.

X'ħin daħlu bih ġewwa
Meddewh minnufih,
Dolores bil-ħlewwa
Dlonk bdiet iddur bih.

Haw' tfaqqa' sajjetta
Li theżheż id-dar,
U ratu jistejqer
Fil-leħħa tan-nar.

Bil-ferħ tinfexx tibki
U tgħajjat: "Mulej !
Il-ħajr jien irroddlok
li hu m'għandu xej !"

Kif sama' leħenha
Il-fieres ħa r-ruħ
U qam f'daqqa waħda
Bil-wieqfa miblugħ.

X'ħin jara 'l dil-mara
Mistħija u ferħana.
Imgħaxxaq bi ġmielha
Intafa' fi ħdanha.

Fil-waqt tarġa' tidwi
Ragħd' oħra ġod-dar
U x-xita bdiet nieżla
Bi ħsejjes wisq kbar.

Dlonk qal'lha bil-ħlewwa:
"Ikolli nħallik,
Jien sejjer it-Torri,
Is-sliema għalik."

Xaqq l-għaraq għaliha,
"It-Torri !" tenniet,
"Mel'inti ta' Kassja?"
Mistagħġba staqsiet.

"Jien ibnu," weġibha,
Staqsieha tafux,
"Le," qalet x'ħin wiċċha
Sar isfar lellux.

Sellmilha darb'oħra,
Raddilha kull ħajr
U ħareġ mill-kamra
Biex jitlaq malajr.

U Gita, l-qaddejja,
Wasslitu sal-bieb,
Kif rikeb, sellmilha
U ħin bla waqt dieb.

* * *

Id-dar tal-Baruni
Għall-ħadra mhejjija,
Bl-aħjar nies tal-Gżira
Hi kollha mimlija.

Bid-dawl u bil-ħxejjex
Miżgħud kullimkien,
Ħbieb, qraba u ħaddara
Kulħadd ferħan kien.

Fawstina, l-għarusa,
Imżejna għat-tieġ,
Daħħluha fil-maħdar,
Ferħulha biż-żwieġ.

Fil-ħin ma' missieru
Ifeġġ Ġammarija;
Laqgħuh il-ħaddara
B'kull ġieħ u foħrija.

Kif daħal quddiemha
Bilkemm ħares lejha ,
X'ħin gerger xi kelma
Ħadilha b'idejha.

U kif kienu magħha
In-nisa mdawrin,
Mingħajr ħadd ma nduna
Telaqha fil-ħin.

In-nies daru miegħu;
Ma kellem lil ħadd,
Mar jixref mit-tieqa
U ħalla 'l kulħadd.

Ma kienx jagħraf iżjed;
Għajnejh kollha dmugħ,
Bir-rassa tad-dwejjaq
Kien nifsu maqtugħ.

Iżd'hawn għal għarrieda
Waqt ħemda u skiet,
Dlonk jisma' 'l Sgraffinja
Qed jgħid daw' l-kelmiet:

"Trid tmur il-kampanja
F'dar sbejħa bil-ġnien ?
Bħal m'hi d-Dar il-Ħamra
Ma ssib oħra mkien,

"U għada fil-għodu
Int tista' tmur fiha,
Għaliex l-Ispanjola
Il-lejla tħalliha."

Dal-kliem kien sajjetta
Għal qalb iż-żagħżugħ,
Bħal berqa mar fuqu
Bi driegħu merfugħ,

U qallu bil-herra:
"X'int tgħid, ja misħut ?"
"Hekk smajt," qal Sgraffinja
Bil-biża' se jmut.

Fil-waqt Ġammarija
Tah daqqa ta' sieq;
Sab bieb, ħareġ minnu
U qabad it-trieq

Għad-dar ta' Dolores
Biż-żiemel maħrub,
U f'inqas minn siegħa
Kien ħdejha minsub.

X'ħin ratu quddiemha
Bil-qatgħa tisfar,
"Kif !" qaltlu, "stajt tħalli
L-għarusa, l-altar ? !..."

"Għalik," qabeż qal'lha
"Ħallejt 'il kulħadd
Għax jiena mingħajrek
Ma nista' ngħix qatt !"

"O anġli tas-sema !"
Fil-waqt għajtet sħiħ,
Sabiex jarġa' lura
Hi dlonk bdiet twissih.

"Ma' tafx," żiedet tgħidlu
"X'jifirħu dal-ħin
L-egħdewwa li għandek
Qarrieqa u kefrin ?

"Tħallix, Ġammarija,
Ix-xehwa tagħmik,
Le ! qatt jien ma nista'
Imħabbti nagħtik."

"Int," qal'lha "trid titlaq,
Semmili ma' min ?
Inkella x-xemx t'għada
Issibna mejtin !"

B'dal-kliem bdiet titriegħed,
Id-dur 'l haw' u 'l henn,
Ma tafx x'taqbad tagħmel,
Qabadha bħal ġenn.

Ftit wara talbitu
Biex joqgħod bil-qiegħda
U, xħin għamlet bħalu,
Bdiet tgħid kollha mriegħda:

"Missieri kien nisel
Ta' nies xebgħanin,
Kbarat ta' Kastilja
Mill-aktar għanjin;

"Fil-laqgħa tas-slaten
Kien dejjem l-ewlieni.
Għajjur għall-ġieħ tiegħu,
Bla qerq, bniedem hieni.

"Iltima minn ommi
Kont għadni tarbija,
Missieri minn kollox
Kien jagħmel għalija.

"Rabbieni fi ħdanu
Bi mħabba bla qies,
Sirt xbejba għal qalbu
Mogħnija b'kull għież.

"Ġo ballu ta' Qorti
Dhert ilu tliet snin
Fejn jiena ma' bniedem
Iltqajt dak il-ħin.

"Inħabb ma' missieri,
Sar midħla tad-dar...
Kull mita niftakar,
Inħoss dwejjaq kbar !

"Sikwit dan ir-raġel
Kien jiġi jżiegħ'l bija,
Għalfejn, ma' stajtx nifhem,
Kont għadni bla ħtija.

"X'inhija l-imħabba
Sa fl-aħħar għallimni;
Jien qatt ma ħabbejtu,
Iżd' huwa ħakimni.

"Kont darba d-dar waħdi,
Fil-ħin qarraq bija,
Mingħajr ebda ħniena
Ma' ġietu għalija."

Il-kliem haw' naqsaha,
Għajnejha xxuttat,
Ftit wara l-imsejkna
Il-qrara ssoktat:

"Ix-xhud tal-għilt tiegħi
Ftit wara deh'r fija,
Mar l-għamad mn' għajnejja,
Bdejt nagħraf il-ħtija.

"Mat-twajjeb missieri
Jien ridt niftaħ qalbi,
'Ma dak qalbu iebsa
Ma riedx jisma' talbi.

"Il-kiefer ħajjarni
Sabiex naħrab miegħu,
Ħallejt lil missieri,
Ilsira sirt tiegħu.

"Missieri kien sama'
Fejn jien kont moħbija,
U l-kiefer dlonk ħarab
Bl-imsejkna tarbija.

"Haw' laħaq missieri
B'nies tiegħu armati,
Kif daħal kexkixni !
Ried jaf fejnu l-ħati.

"Żammejt fommi sieket,
Ħrax iżjed għalija,
Seħitni, s-sejf silet,
Intlift minn sessija.

"Sibt ruħi ġo marhab
Xħin jien ftaħt għajnejja,
Stabart għax kien ħaqqni
Li nġarrab xi nkejja.

"L-imsejken missieri
Sar bniedem bla sabar,
Il-għali u l-mistħija
Wassluh f'tarf il-qabar.

"Ftit wara ġo sodda
Inxteħet marid,
Bil-hemm u bid-dwejjaq
Kien jhewden sikwit.

"X'ħin ra li l-mewt qorbot
Bagħ't jgħidli li jrid
Jarani; mort niġri,
X'ħassejt ma nafx ngħid;

"Kif rajt dik is-sura
Għażiża qed tnin
Inżilt għarkobbtejja,
Tlabt maħfra fil-ħin.

"Il fuq rafa' driegħu
X'ħin rani b'għajnejh,
'Misħuta int !' għajjat,
Keċċieni minn ħdejh.

"U kif xaqleb rasu
Fuq sidru kemm kemm,
Bis-saħta fi lsienu
Missieri... intemm !

"Bħal xbieha tal-ħaġar
Bla ħajja jien bqajt,
Ridt nibki, bdejt nidħak,
Fl-art għaxja waqajt.

"Il-ħsieb tal-qaddejja
Li waqfet wisq miegħi
U l-ħniena ta' raheb
Raddewli d-deh'n tiegħi.

"Sfajt waħdi fid-dinja,
Għidt x'nagħmel ? ħallejt
Il Spanja, u ma' Gita
Haw' Malta fis ġejt,

"Fejn deh'rli li għandi
Insib il-misħut.
Nzertajtha !... Kif rani
Dlonk baqa' mismut !

"Sa fl-aħħar dak stqarrli
Li m'oħra marbut !
Jien malli smajt dana
Stħajjiltni se mmut !

"Biex niskot wegħedni
Li jroddli t-tarbija,
U l-lum biex insibha
Kont sejra Sqallija..."

Min jaf igħid x'ġarrbet
Kif temmet dal-kliem
Dolores ?... intelqet
Bħal mejta, bla sliem.

Fil-waqt Ġammarija
Kif raha magħfusa
Dlonk beda jsabbarha,
Jgħannaqha u jbusha.

Għajjât mad-dar kollha
Instema' fil-ħin
Li riegħed bil-biża'
Liż-żewġ maħbubin.

U aħrax bħal dbiba
Ifeġġ minnufih
Pjer Kassja ma' ħatnu
Miblugħ ġewwa fih.

Il-wieħed u l-oħra
Nħallew minn xulxin,
U dawk f'nofs il-kamra
Fis baqgħu deħlin.

"Jien," għajjat Pjer Kassja
Mitluf minn sessih,
"Ingħallmek kif għandek
Tħobb mara bla ġieħ !"

Kif temm l-aħħar kelma
Sħun sħun fuqha jdur,
Medd idu fuq wiċċha,
Mad-daqqa fl-art tmur.

Dolores indarbet,
F'ħin wieħed għoxiet
U l-bjuda ta' lbiesha
Bid-dmija tgħattiet.

X'ħin ibnu ra dana
Id-dehen ħallieh,
Bil-qilla dlonk silet
Ix-xabla għalih.

"Miġnun!" għajjat ħatnu
Kif żammlu idejh,
U ċanfru bil-qawwa
Biex jiftaħ għajnejh.

Sew malli fl-art jaqa'
Bħal ġisem bla ruħ,
il-wieħed u l-ieħor
Imkaxkar ħarġuh.

*

Fis-sala tat-Torri
Minsub waħdu kien
Pjer Kassja bil-qiegħda
Mifxul u ħusbien.

Xħin ċenċel qanpiena,
Ġie jiġri l-qaddej,
"Mur," qallu "ġib 'l ibni
Bla telf ta' żmien xej."

Dak telaq bil-għaġla
U ddawwar mhux ftit,
Bil-herra l-Baruni
Sejjaħlu mill-ġdid.

Mal-għajta dak wieġeb:
"Ja sidi, haw' jien...
Iżd'ibnek hemm isfel
Ma jidher imkien!..."

Pjer Kassja ġenn qabdu
Kif sama' l-aħbar,
Bħal berqa qam jiġri,
Dlonk ħareġ mid-dar,

U x'ħin ma rax 'l ibnu
Kif niżel ġol-għar
Nfexx jibki u ntilef
Bħal mejjet fl-art mar.

Għalfejn din il-ħasra?
X'inhuwa dad-dmugħ?
Għala issa dis-sogħba?
X'sar minnu ż-żagħżugħ?

Kif rathom l-irsira
Taħt l-art niżlin bih
Id-dar ta' Dolores
Hi tmur minnu fih.

Dolores kif semgħet
L-aħbar mill-irsira
Ħsieb għamlet li tħarrbu
Il-bogħ'd minn dil-Gżira.

Fil-waqt qabdet karta,
Kitbitlu kelmtejn
U tatha lil dina
Bla telf ta' żmien xejn.

L-irsira x'ħin dalam
Ħdejh niżlet ġol-għar,
Fetħitlu biex jaħrab
Kif qara l-aħbar.

Mid-dar ta' Dolores
Bir-rkib mar ix-xatt
U liż-żagħżugħ Kassja
Ma rah iżjed ħadd.

*

Kien jum bnazzi tar-rebbiegħa
Sema safi, baħar ċar,
Mirkeb deh'r fuq din il-Gżira
Sew max-xemx ta' nofs in-nhar.

Bejn il-fliegi beda jsallab,
Wasal issa Fomm ir-Riħ,
Il-qlugħ naqqas, kajjikk niżżel,
Tlitt irġiel rikbu ġo fih.

U tnejn minnhom qabdu jaqdfu
Bl-akbar ħeffa daw' n-naħħiet,
Ix-xatt resqu, l-ieħor qabeż
U bies l-art għal tliet darbiet.

Malli sellem lill-qaddiefa
It-trieq qabad tal-Munxar,
Għajnejh rafa' lejn is-sema
U l-kajjikk mnejn ġie dlonk mar.

Dan ir-raġel f'tarf it-telgħa
Raġa' xteħet għarkobbtejh,
Donnu feraħ kif ra t-Torri,
Żewġ demgħat ġelbnu mn'għajnejh.

Fil-waqt lemaħ bniedem iswed
Li kien qiegħed isuq ħmar,
Hekkif għarfu sieħlu b'ismu,
Qam mnejn kien, għal urajh mar.

Kif dak sema' 'l min isieħlu
Dawwar wiċċu minnufih,
Dana laħqu, għannqu miegħu
U dlonk qabad jifraħ bih.

L-iswed tafa' ħarsa fuqu
U miblugħ qal: "sbejħa din !
Int fejn tafni ?" l-ieħor siket
U flimkien baqgħu mixjin.

Kienu qorbu lejn it-Torri
X'ħin fuq l-iswed raġa' dar
U staqsieh kif urih b'idu:
"Ta' min hija dik id-dar ?"

L-iswed wieġbu: "Dik ta' sidi
L-għani Kassja, għoddu miet
Bl-għali t'ibnu li kien ħarab
U aħbar tiegħu qatt ma ġiet.

"Mindu tilfu, f'għoxrin sena
Qatt ma ġie iżjed il haw'
U kemm ġonna u ġid qed tara
Kollox kiseb ħatnu Slaw."

Wara ftit b'leħen imriegħed
Dan issokta jistaqsih
Għas-Sinjura l-Ispanjola,
L-ieħor wieġeb minnufih:
"Dik il-mara wisq ħanina
Ta' kuljum tibgħat għalija,
L-ewwel ħaġa li ssaqsini
Għall-aħbar ta' Ġammarija."
Dan il-bniedem malli sama'
Minn fomm l-iswed daw' l-kelmiet
Tgħannaq miegħu, beda jolfoq
U faqqagħlu żewġ bewsiet.
Waslu t-Torri, hemm ġew daħlu,
Wara ftit joħroġ l-irsir
U bir-rkib għad-dar il-ħamra
F'daqqa waħda dan itir.

* * *

Dolores bħal berqa
Dlonk ħarġet mid-dar
U ġriet lejn it-Torri
X'ħin semgħet l-aħbar.
Min qatt jista' jfisser
X'ħassew dak il-ħin
Il-wieħed u l-oħra
Kif raw lil xulxin?
"Maħbuba Dolores!"
"Maħbub Ġammarija!"
Fis ħarġet minn fommhom
Dil-għajta qawwija.
Hi ntafgħet fi ħdanu,
U bdiet tgħannqu magħha,
U beda l-bews tiegħu
Jitħallat ma' tagħha.
Fil-waqt qabżet qaltlu:
"Naħarbu minn haw'."
"Le," wieġeb, "haw' nibqgħu
Biex nara lil Slaw."

"Il ħatnek?!" staqsietu
"Taf int minhu dak?
Dak hu l-għadu tiegħek;
'Llaħares jarak!"
"Dak kien li ried joqtlok
Għar-regħba tal-ġid,
Li kien qarraq bija,
Ħaqarni mhux ftit."
Fil-ħin Ġammarija
Sar donnu xitan,
U ħalef fuq ismu
Li joqtol lil dan.
Imqabbda ma' driegħu
Bdiet tiġbdu, tmexxih,
Il-bieb haw' infetaħ,
Slaw feġġ minnufih.
Kif sabhom quddiemu
Il-kiefer heddidhom,
U fl-eħrex taqbida
B'sejf f'qalbhom niffidhom.

Midruba fl-art waqgħu
Flimkien imgħannqin
U ntemmu f'ħin wieħed
Iż-żewġ imsejknin!

*Miktuba versi minn* Ġ. Calleja